MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1574/1992/1

**Bertu Camilleri u b'digriet tat-12 ta' Gunju, 1995, stante l-mewt ta' l-attur, l-atti gew trasfuzi f'isem Maria armla ta' Bartolomeo Camilleri, Joseph, Charmaine mart Christopher Cini u Silvana, xebba ahwa Camilleri, ulied il-mejjet Bartolomeo Camilleri**

**vs**

**Harold Bartoli u William Harding ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Elmo Insurance Services Limited u din is-Socjeta' bhala agenta f'Malta tas-Socjeta' assikuratrici estera Sun Alliance and London Assurance Ltd u b'nota tad-9 ta' Gunju 1995 il-Prokuratur Legali Joseph M. Micallef assuma l-atti tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fid-19 ta' Novembru, 1992, li in forza taghha, wara li ppremetta:

1. Illi fil-25 ta' Settembru 1990 fuq rikjesta tal-attur il-konvenuti nomine hargu polza ta' assikurazzjoni tat-tip "*Theft Insurance (Business Premises)*" Numru 352-15568 li originarjament inharget biex tkopri l-*istock* hemm indikat konsistenti f' "*Tyres, Quarry machinery spare parts: ball bearings u industrial belts";*

2. Illi in segwitu l-imsemmija polza giet estiza biex tkopri wkoll b'effett mid-19 ta' Ottubru 1990 "*stocks* ta' *car seat covers"* u "*stocks* ta' *Chamois leathers"*, kif stabbilit f'*Endorsement* No. 1;

3. Illi l-istess polza giet sussegwentement estiza biex tkopri wkoll "*stocks* ta' *Quarry Machinery and Spare Parts* konsistenti f' "*conveyor rollers and brackets and replacement rollers"*;

4. Illi l-hwejjeg kollha suindikati u hekk koperti bl-imsemmija polza kienu qed jinzammu fil-fond proprieta' tal-attur u cioe' l-mahzen f'New Street in St.John Street, Gharghur, kif stabbilit fil-polza;

5. Illi kif konfermat fl-Inkjesta Magisterjali gie stabbilit u accertat li persuna jew persuni mhux maghrufa bejn is-2p.m. tad-9 ta' Frar, 1991, u l-5.15a.m. tal-10 ta' Frar 1991 dahlu fil-mahzen ta' proprieta' tal-attur billi sgassaw l-*istore* u minnu serqu kwantita' ta' merkanzija ghad-dannu tal-attur;

6. Illi l-merkanzija hekk derubata, konsistenti fi kwantita' ta' "*chamois leathers"*, "*car seat covers"* u "*conveyor rollers"*, hi l-istess identika merkanzija koperta bil-polza ta' assikurazzjoni surriferita;

7. Illi nonostante li l-esponenti debitament gharraf bl-akkadut lill-konvenuti nomine, kif provdut fil-polza, u ressaq it-talba tieghu ghar-rizarciment tad-danni, l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u naqset milli tonora l-obbligi kontrattwali minnha assunti *di fronte* ghall-attur;

Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi id-danni kkagunati mis-serqa li saret minn *ignoti* bejn is-2p.m. tad-9 ta' Frar 1991 u l-5.15a.m. tal-10 ta' Frar 1991 mill-mahzen ta' proprieta' tal-attur f'New Street in St.John Street, Gharghur, koperta bil-polza ta' assikurazzjoni ezistenti favur l-attur Numru 352-15568 mahruga mill-istess socjeta' konvenuta;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-istanti u rizultanti mis-serqa fl-imsemmi mahzen, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni subiti mill-istanti kif fuq inghad ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tal-20 ta' Ottubru 1992 kontra l-konvenuti nomine ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepiet:

1. Illi l-azzjoni tal-attur hija intempestiva stante li, sad-data tal-presentata tac-citazzjoni u, *del resto*, lanqas wara, l-attur ma tax prova soddisfacjenti, kif kien obbligat, tat-telf jew dannu li huwa attwalment garrab fis-serqa, u dan ghalkemm sarulu diversi rikjesti f'dan is-sens sahansitra f'kontroprotest prezentat mill-eccipjenti fil-20 ta' Novembru, 1992 (Dok. HB1);

2. Konsegwentement l-eccipjent ma kienux inadempjenti fl-obbligi taghhom fil-konfront tal-attur billi ma setghux jipprocessaw il-`*claim’* meta kienu privati mill-attur stess minn informazzjoni essenzjali li kellha twassal ghall-accertament tat-telf jew dannu subit mill-attur;

3. L-attur intavola dawn il-proceduri inutilment u ghalhekk l-eccipjenti m’ghandhomx ibaghtu spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Gunju, 2002, li in forza taghha giet michuda talba tas-socjeta’ konvenut biex tressaq provi ulterjuri;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjoni tal-attur f’din il-kawza hija li hu kien xtara kwantita’ ta’ *car seat covers* u ta’ kamoxxi (*chamois leathers)* minghand J. Scicluna Limited u ddeposita din il-merkanzija fl-imhazen li hu ghandu l-Gharghur. Wara li hekk akkwista din il-merkanzija, huwa inxurjaha mas-socjeta’ konvenuta fuq valur ta’ Lm80,000, u dan peress li l-prezz ta’ dik il-merkanzija li hu kien akkwista kienet ta’ Lm79,800 (20,000 kamoxxa biz-Lm2-il wahda, u 1990 *seat cover* bl-Lm20,000-il wahda). Il-polza ta’ assikurazzjoni harget fil-5 ta’ Novembru, 1990.

Sussegwentement, fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Frar, 1991, saret serqa mill-imhazen tal-attur u, fost affarijiet ohra,

insterqet il-merkanzija kollha ta’ kamoxxi u *seat covers.* L-attur ghamel *claim* mal-kumpanija assikuratrici, izda din tal-ahhar, is-socjeta’ konvenuta f’din il-kawza, qed tirrifjuta li thallas. Is-socjeta’ konvenuta mhix qed tichad li tezisti polza ta’ assikurazzjoni valida u lanqas ma hi qed tinnega l-*claim*, izda qed tikkontesta t-talba peress li, skond hi, l-attur ma gabx prova li hu kien il-proprietarju tal-kamoxxi u s-*seat covers* misruqa, u lanqas ma pprova li, fil-fatt, kienet dik il-merkanzija kollha li kienet giet misruqa.

Mill-provi jirrizulta li l-attur kellu negozju ta’ xoghol f’barriera, izda kien ukoll jinnegozja fl-art, kellu xarabank u jaghmel xi tip ta’ negozju iehor konness ma’ karozzi. Joseph Scicluna, li hu direttur tal-kumpanija J.Scicluna Ltd. li hi socjeta’ importatrici ta’ oggetti bil-grossa li wara tqassam lil diversi klijenti ghall-bejgh bl-imnut, ried jixtri bicca art il-Madliena bil-hsieb li jinnegozjaha wara li jkun qassamha fi *plots*. L-attur u dan Joseph Scicluna tkellmu u fthemu li l-attur jghaddilu bicca art il-Madliena u s-Sur Scicluna, flok ihallas kollox bi flus, ihallas il-prezz parti f’merkanzija u parti fi flus. Sar qbil fuq il-prezz ta’ l-art li kien ta’ Lm105,000, u in kontrokambju l-attur kien ser jiehu merkanzija li tiswa Lm79,800 (is-*seat covers* u l-kamoxxi in kwistjoni) u l-bilanc fi flus. Il-konvenju relattiv gie ffirmat fid-9 ta’ Ottubru, 1990. Kif inghad, is-Sur Scicluna ried l-art biex jaqsamha f’*plots* u jizviluppaha, izda meta indaga dwar il-permessi mehtiega, sab li l-art kienet tinsab f’zona li kienet tissejjah “*white area”*, jigifieri art li setghet ‘l quddiem jinhargu permessi fuqha, izda mhux f’dak iz-zmien. Minhabba din il-problema u diffikultajiet ohra konnessi mal-izvilupp tal-art, il-partijiet ftehmu li jimmodifikaw il-prezz tal-art, u f’emenda li huma ghamlu ghall-konvenju, qablu li l-art ghandha tinghata valur ta’ Lm77,000.

Peress illi, fil-frattemp, l-attur kien ha konsenja tal-merkanzija li tiswa Lm79,800, ftehmu li l-attur jirrifondi lis-Sur Scicluna d-differenza ta’ Lm2,800, u fil-fatt, l-attur ghadda din is-somma lis-Sur Scicluna fil-5 ta’ Novembru, 1991, b’*cheque*, li gie esebit, numru 000194. Il-konvenju, fil-frattemp, baqa’ jigi mgedded regolarment, sakemm dan l-ahhar, waqaf li jigi prorogat formalment, izda ghadu

jitqies validu bi ftehim verbali bejn il-kontraenti. Il-kuntratt definit ta’ trasferiment baqa’ ma giex ippubblikat, ghax, kif xehed is-Sur Scicluna, hu ma jridx l-art ghalih izda biex ibieghha wara li jaqsamha fi *plots*, u l-hsieb tieghu hu, li, meta jirranga l-problemi li ghandu dwar il-hrug tal-permessi, jitrasferixxi l-*plots* fuq konvenju. Fi kliem iehor, dak li jrid jaghmel is-Sur Scicluna, hija mhux li jdawwar l-art fuq ismu u wara jerga’ jaghmel kuntratti ta’ bejgh ma’ terzi, izda li jbiegh fuq konvenju u l-att finali jsir mill-atturi u t-terz, u b’hekk jigi evitat hlas u spejjez zejda ta’ kuntratt.

Dan it-tip ta’ negozju huwa normali f’Malta u, ghalkemm jistghu jinholqu problemi bl-uzu ta’ din il-proceduri, wiehed jiltaqa’ maghha ta’ spiss fin-negozju tal-art.

Hekk, kif sar il-konvenju, l-attur, kif inghad, ha konsenja tal-merkanzija in kwistjoni. Jirrizulta, fil-fatt, li d-ditta J. Scicluna Ltd., meta baghtet il-merkanzija, harget *delivery note* u *invoice* ghall-merkanzija. Il-merkanzija tghabbiet f’*bales* u kaxxi mill-burdnar Felic Borg fit-*truck* twil 22 pied li kellu ghal dawn l-iskop. Hu mar il-Gharghur bil-merkanzija, u hemm nizzel il-merkanzija mit-*truck* u dahhalha fil-mahzen tal-attur; waqt li kien qed idahhal il-merkanzija fil-mahzen, hu kien mghejjun minn impjegat tal-attur, certu Joe Vella (li hu d-*driver* tax-xarabank tal-attur). Il-merkanzija giet storjata fuq *pallets* u tqieghdet fuq wara tal-mahzen. Persuna li giet mqabbda mill-attur biex taghmillu xoghol ta’ drenagg fil-mahzen, certu Paul Falzon, jiftakar li ra l-merkanzija in kwistjoni fil-mahzen. Dawn il-persuni ndikati kollha xehdu u kkonfermaw il-parti taghhom f’din il-konsenja. Is-Sur Scicluna nnifsu kkonferma li hu ra t-tghabbija ssir mill-mahzen tieghu ghal fuq it-*truck* u segwa lit-*truck* sa ma dan waqaf barra l-mahzen tal-attur il-Gharghur. Hu kkonferma wkoll li l-konsenja kienet tikkonsisti f’55 bolla u 41 kartuna, u esebixxa d-*delivery order* u l-*invoice* ghal Lm79,800 relattiv ghal din il-konsenja.

Kif inghad, l-attur jghid li din il-merkanzija partikolari nsterqet kollha fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Frar, 1991. L-investigazzjoni tas-serqa mill-Pulizija saret mill-Ispettur Anthony Cassar u mill-ex Spettur tas-CID, Charles

Demicoli; kienet giet ukoll ordnata inkjesta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dottor C. Farrugia Sacco, li kien qabbad lill-diversi esperti, fosthom lill-perit Richard Aquilina, biex jghinuh fl-investigazzjoni. Il-persuni involuti fl-inkjesta xehedu f'din il-kawza, u jirrizulta li l-halliel jew hallelin dahlu fil-mahzen mill-proprieta' adjacenti l-mahzen li kienet ghadha "*under construction*". L-access ghall-mahzen sar b'sellum ghall-gallerija tal-fond, u minn hemm, l-access dirett sehh billi nfethet toqba fil-hajt divizorju; darba gewwa l-mahzen, gie sgassat u nfetah il-bieb tal-mahzen, idahhal truck gol-mahzen, tghabbiet il-merkanzija, u harrbu minn fuq il-post. Fil-fatt, fuq il-post, il-Pulizija sabet sellum li ntuza ghall-access, kif ukoll lieva, serrieq u tornavit kbir. Kien Joe Vella li nduna bis-serqa meta l-ghada mar jiftah mahzen iehor tal-attur biex johrog ix-xarabank li ried juza fuq il-linja dik il-gurnata. Fil-*proces verbal* tal-inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti kkonkluda illi "*persuna jew persuni mhux maghrufa bejn is-2.00 ta' wara nofsinhar tad-9 ta' Frar, 1991, u l-5.15 ta' filghodu tal-10 ta' Frar, 1991, dahlu fil-fond sitwat fi Triq San Gwann, Gharghur, billi sgassaw u minn hemm serqu kwantita' ta' merkanzija b'valur ta' Lm89,584. Dan is-serq jinstab aggravt bil-mezz, valur u possibilment bil-hin."*

Mix-xhieda tal-Pulizija li nvestigaw is-serqa, irrizultalhom li min seraq dahal bit-*truck* fil-mahzen ghax sabu *tyre marks* friski minn barra ghal gewwa ta' mahzen. L-attur qalilhom li f'dak il-mahzen ma kienx izomm vetturi ghax kien mimli bi *stock.* Kien l-attur li tahom id-dettalji ta' x'insteraq u l-valur tal-merkanzija misruqa (oltre s-*seat covers* u l-kamoxxi, insterqu wkoll xi *rollers* li kellu fl-istess mahzen). Il-provenjenza ta' din il-merkanzija giet ippruvata b'konsenja ta' diversi *invoices* li kemm l-attur kif ukoll Joseph Scicluna ghaddew lill-espert imqabbad mill-Magistrat Inkwirenti, l-AIC Richard Aquilina. Fl-atti ta' din il-kawza gew esebiti dawn l-*invoices* u r-ritratti li ttiehdu fil-kors tal-investigazzjoni. Is-Surgent Vincent Arno, li kien l-ewwel Pulizija fuq il-post, xehed li meta l-attur ra s-serqa kien inkwetat hafna u jidher li ha xokk kbir.

Il-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta hija l-attur ma werhiex li hu l-proprjetarju tal-merkanzija misruqa, u dan peress li,

la darba n-negozju ha forma ta' tpartit u kien ghadu fuq konvenju (li, inoltre, llum huwa legalment terminat peress li ma giex prorogat), in-negozju ma giex finalizzat u l-proprieta' la fl-art u lanqas fil-merkanzija m'ghaddiet. Kwindi, la darba l-attura mhux il-proprietarju tal-merkanzija allegatament misruqa, m'ghandu ebda interess jitlob rifussjoni tal-prezz ta' dik il-merkanzija.

Is-socjeta' konvenuta tallega wkoll li l-valur moghti lil dik il-merkanzija huwa wiehed *inflated* u esagerat, u, f'kull kaz, ma nsterqux il-kwantita' ta' merkanzija li jallega l-attur. Dan qed jinghad ghax *seat-covers* simili ghal dawk li nsterqu nstabu fis-suq bil-prezz ta' Lm8-il wahda mhux Lm20 (l-attur jghid li dawk il-*covers* orhos huma ta' kwalita' inferjuri), u ghax meta zewg impjegati taghha marru fil-mahzen tal-attur biex jigbru l-*premuim*, huma raw il-merkanzija hemmhekk, izda ma kienx hemm il-kwantita' li jghid l-attur; huma ma ghoddewhomx il-kaxxi izda, minn kalkolu "fuq ghajnejhom", jghidu li zgur li ma kienx hemm aktar minn ghoxrin kaxxa. L-attur jghid li kellu 45 kaxxa u numru tal-*bales* li kollha nsterqulu. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, Lino Ferris, jghid li l-merkanzija kollha li semma' l-attur ma setghetx toqghod fl-ispazju limitat tal-*garage*; dan ma jghidux wara li ghamel xi kalkolu matematiku jew xjentifiku, izda minn impressjoni li ha meta, f'okkazzjoni minnhom, kellu kampjuni tal-oggetti misruqa fil-karozza tieghu, u kkalkula l-ispazju li dik il-merkanzija kienet tiehu.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-proprieta' tal-merkanzija misruqa, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument mressaq mis-socjeta' konvenuta. L-oggetti mobbli in kwistjoni ma jehtiegux skrittura biex jigu trasferiti u l-proprieta' fihom tghaddi bil-kunsens espress anke oralment. Is-socjeta' J. Scicluna Ltd accettat li tbiegh dik il-merkanzija lill-attur, u fil-fatt hekk ghamlet u tat konsenja taghhom lill-istes attur. Flok flus, l-attur wieghed li jittrasferilu bicca art fil-Madliena. Dan it-trasferiment ghadu ma sarx, izda l-korrispettiv ghadda u sar proprieta' tal-attur. L-istess Joseph Scicluna ikkofnerma li l-*istock* tah lill-attur, u li dak l-*istock* hareg mill-kumpanija u huwa tal-attur. Fuq kollox, il-possessur jitqies proprietarju, sakemm ma ssirx

revendikazzjoni tal-haga mis-sid skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 559 tal-Kodici Civili ("Zammit vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' Marzu, 1970). Il-pussess tal-attur ta' dawk l-oggetti kien *in buona fede* ghax hu akkwisthom legittimament minghand il-proprietarju precedenti, u dan in kontrokambju ta' bicca art li wieghed li ser jittrasferixxi ghal fuq il-venditur tal-merkanzija.

Is-socjeta' konvenuta ppruvat titfa' dubju dwar il-validita' ta' dak il-konvenju, izda ma rnexxilhiex tmur aktar milli titfa' suspett li ma giex pruvat. Ma gie pruvat xejn biex din il-Qorti tista' tasal biex tghid li dak il-konvenju kien simulat, u c-cirkustanzi tal-kaz (partikolarment, is-sottomissjoni tieghu ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, kif kienet tirrikjedi l-ligi fiz-zmien in kwistjoni, u hlas li ghamel l-attur tas-somma ta' Lm2,800 miftiehma bhala ekwiparazzjoni) ma jindikawx li dak il-konvenju mhux veritier.

Jista' jkun li jekk it-trasferiment tal-art lis-Sur Scicluna ma jsehhx, dan ta' l-ahhar ikollu dritt jitlob lura il-valur tal-merkanzija li hu ghadda bhala korrispettiv, pero', din jista' jitlobha biss l-istess Sur Scicluna u mhux xi terz, bhas-socjeta' konvenuta. Dan jista' jfisser li l-proprieta' tal-mobbli ghaddiet f'idejn l-attur b'kondizzjoni rizoluttiva, izda dik il-kondizzjoni kif jghid l-artikolu 1066(2), "*ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni",* izda tista' twassal ghar-radd lura ta' dak li rcieva f'kaz li tavvera ruhha dik il-kondizzjoni. Fil-frattemp, pero', u sakemm ma tavverax ruhha dik il-kundizzjoni (li jista' jinvokaha biss dak il-kontraent li favur tieghu tapplika dik il-kondizzjoni), l-obbligazzjoni tidhol fis-sehh u jkollha l-effetti kollha naturali taghha. Il-kundizzjoni rizoluttiva, wiehed ifakkar, hija sottintesa f'kull obbligazzjoni bilaterali, u tillibera lill-kontraenti mill-obbligu li jaghti l-korrispettiv, jekk il-parti l-ohra tonqos li taghmel il-parti taghha. Jekk parti wahda, pero', twettaq l-obbligazzjoni taghha, il-parti l-ohra trid tesegwixxi taghha , pero', fil-frattemp, "*il creditore e' nella stessa situazione come se la obbligazione non fosse munita di condizione risolutiva, poiche' l'esistenza di tale condizione non impedisce che l'obbligazione abbia tutta la*

*sua efficacia guiridica. Il creditore ha dunque, pendente condizione, gli stessi diritti e le stesse azioni come se l'obbligazione fosse pura e semplice ….Quando l'obbligazzione ha per oggetto una cosa certa, il creditore diventa immediatamente proprietario. L'acquirente sotto condizione risolutiva puo' dunque, pendent condizione, muovere le azioni petitorie o possessorie relativamente alla cosa da lui acquistata":* Bandry – Lacantinerie, "Trattato Teorico  Pratico di Diritto Civile – Della Obbligazione" Vol.II pag.75.

L-insistenza tas-socjeta' konvenuta li l-venditur tal-merkanzija juri l-provenjenza tal-oggetti, hija wahda irragonevoli u rrilevanti. Sakemm ix-xerrej ikun *in buona fede* u jixtri l-oggetti mhux bil-habi imma minghand persuna li, apparentement, setghet tbiegh u tiddisponi minn dawk l-oggetti, dak ix-xerrej isir il-proprietarju ta' dawk il-mobbli. F'dan il-kaz, is-socjeta' venditrici hija socjeta' li fis-suq tista' tbiegh prodotti li timporta minn barra bil-grossa, u ma kien hemm xejn x'jindika lix-xerrej li l-provenjenza tal-merkanzija in kwistjoni kienet suspettuza. Kwindi, l-akkwist mill-attur kien validu u hu akkwista tajjeb minghand  is-socjeta' venditrici. Dan apparti li d-ditta J.Scicluna Ltd. ippresentat  diversi *invoices* biex tiggustifika l-provenjenza legittima tal-oggetti in kwistjoni.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, biex wiehed ikopri oggett b'assikurazzjoni, mhux mehtieg li jkun propjetarju ta' dak l-oggett; basta li jkollu dak li fid-duttrina ingliza hu msejjah bhala "*an insurable interest"*. Dan jezisti meta l-assikurat "*may be said to benefit by the continued existence of the property or life insured and will suffer a loss by reason of its damage or distruction"*. L-awtur Macgivillray fil-ktieb "Insurance Law" jghid li hemm dan l-interess "*where the assured is so situated that the happening of the event on which the insurance money is to become payable, would, as a proximate cause, involve the assured in a loss or diminuition of any right recognised by law or in any legal liability".* Hekk ukoll il-Professur John Mamo, fin-Noti tieghu ghall-istudenti tal-Universita', jinsisti li "*it is not absolute ownership which is required but*

*the existence of a relationship between the person insured and the thing which could be adversely affected by the happening of the risk insured against".* Sakemm l-assikurat ghandu interess fl-esistenza tal-oggett jew li dak l-oggett jibqa' fl-istat li hu, huwa jgawdi l-interess mehtieg biex ikun jista' jitlob polza ta' koperta fuq dak l-oggett.

F'dan il-kaz, l-attur kellu zgur interess fil-preservazzjoni tal-merkanzija, ghax din kienet il-korrispettiv ta' bicca art li hu obbliga ruhu li jittrasferixxi lil min bieghlu dik il-merkanzija, u, kwindi, il-polza ta' assikurazzjoni da parti tieghu kienet valida, effettiva u enforzabbli.

Il-kwistjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta rigwardanti l-valur tal-oggetti misruqa, ma gietx sostnuta bil-prova. Is-Sur Lino Ferris, intqal, xehed li hu sab *seat-covers* simili bi prezz orhos, izda la gab prova ta' dan u lanqas ma wera li l-kwalita' tal-oggett orhos kien l-istess bhal dak mixtri mill-attur. L-attur, fil-fatt, li nghata kampjun ta' dawn is-*seat covers*, biex jezaminaha, qal li l-kwalita' taghhom kienet inferjuri ghal dak li akkwista hu, u kkonferma l-prezz li hu, fil-fatt, hallas ghal dik il-merkanzija. Id-ditta venditrici wkoll ikkonfermat il-valur tal-oggetti u esebiet ukoll diversi *invoices* u stqarrijiet tas-*suppliers* taghha li jikkonfermaw il-valur tal-oggetti mibjugha. Is-socjeta' konvenuta resqet biss allegazzjoni dwar il-valur tal-oggetti misruqa, izda halliet din l-allegazzjoni fil-kamp ta' suspett, u ma resqet ebda prova konkreta biex tirribadixxi l-prova tal-attur, sostanzjata wkoll bid-dokumenti, li l-prezz li hu hallas ghall-merkanzija hu dak minnu ndikat. Anke x-xhieda tal-P.L. Joseph Micallef, rappresentant tas-socjeta' assikuratrici, ma sservix biex tikkorobora t-tesi tas-socjeta' konvenuta, ghax, ghalkemm mhux mill-ewwel, huwa, fil-fatt, inghata mid-ditta venditrici, biex turi l-provenjenza ta' dik il-merkanzija, *invoices* ghall-valur komplessiv ta' LM98,647, somma li teccedi l-valur tal-merkanzija in kwistjoni. Kwindi, anke dan l-argument imressaq mis-socjeta' konvenuta m'ghandu ebda basi biex jigi accettat.

Is-socjeta' konvenuta tilmenta wkoll li, f'kull kaz, il-merkanzija misruqa ma kienetx tal-kwantita' li jsostni l-attur; dan tghidu ghax, skond hi, ma jistax ikun li l-mahzen

in kwistjoni jesa dik il-kwantita ta' merkanzija u, hi x'inhi, meta haddiema taghha marru fil-mahzen, "ikkalkulkaw" li kien hemm anqas milli indika l-attur. Fuq din il-materja, is-socjeta' konvenuta xejn ma mxiet bir-regoli ta' prudenza u ta' *buona fede* li huma imposti fuqha. Meta xehed Norman Brown dan qal li hekk kif l-attur informah li ried jinxurja l-merkanzija in kwistjoni, u jzid il-polza ta' assikurazzjoni b'valur ta' Lm80,00, hu ha pjacir ghax kien ser jizdied l-ammont ta' *premium* b'somma kbira u hu kien ser jiehu *commission* qawwija. Biex jaghti servizz lill-assikurat u jaghmillu "pjacir" (!) nizel hu personalment ghand l-assikurat biex jigbor ic-cheque tal-*premium* u jaghmel konoxxenza tieghu. Nizel fil-mahzen tal-attur ma' siehbu Jeffrey Crockford, daru dawra mal-gnien u l-mahzen, hadu c-*cheque* tal-*premium* u marru 'l hemm. Huma raw il-merkanzija in kwistjoni storjata fil-mahzen, izda ma qaghdux jghoddu l-kaxxi u l-*bales* li kien hemm. <u>Wara,</u> meta l-attur ghamel *claim* ta' 55 balla u 41 kaxxa li kienu gew misruqa, hu rrimmarka li ma jistax ikun li kellu dik il-kwantita' fil-mahzen, ghax hu kien ikkalkula, fuq ghajnejh, li kellu biss xi 20 kaxxa u bales.

Fid-dawl ta' din ic-cirkostanza, il-Qorti issaqsi xi pjacir u s-servizz ried jaghti dan ix-xhud meta nizel fil-mahzen tal-attur! Il-mahzen kien gia gie ezaminat biex jigi stabbilit x'tip ta' sigurta' kellu, u visita ghal dan l-iskop ma kienx mehtieg li terga' ssir.  Skond hu, lanqas ma nizel biex jivverifika l-merkanzija li kienet ser tigi nxurjata, u allura, wiehed bil-fors jikkonkludi li hu nizel biex jigbor il-*premium* malajr halli jiehu l-kummissjoni dovuta lilu fi zmien qasir! Ciononostante, meta ra l-merkanzija u nduna li kienu ftit kaxxi, ma hassx il-htiega li jirrimarka lill-attur kif merkanzija ta' valur ta' Lm80,000 kienet f'daqshekk ftit kaxxi!  Hu kien jaf li l-attur kien ser jinxurja merkanzija b'valur ta' Lm80,000, u kien jaf li din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'kamoxxi u *seat covers*, izda meta ra  l-"ftit" kaxxi ma ghamel ebda rimarka mal-attur dwar kif dik il-merkanzija kollha qaghdet fi ftit kaxxi. Min-naha l-ohra, meta saret il-*claim* wara s-serqa u sar jaf li l-attur qal li serqulu 45 kaxxa u numru ta' *bales*, huwa "<u>mill-ewwel"</u> qal li ma jistax ikun li kellu dik il-kwantita! (fol 180 tal-process). Lill-attur ma rrimarkalux kif merkanzija ta' valur ta'

LM80,000 tqieghdet f'20 kaxxa, izda mal-*employer* tieghu mill-ewwel esprima l-veduta li ma jistax ikun li kellu 45 kaxxa fil-mahzen!

Is-socjeta' konvenuta, *tramite* l-impjegat taghha, agixxiet bl-akbar *mala fede* f'dan il-kaz mal-attur. Il-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa wiehed ta' *uberime fides* kemm ghall-assikurat kif ukoll ghall-kumpanija assikuratrici . L-awturi John Birds u Norma J.Hird fil-ktieb "Bird's Modern Insurance Law" (Pag.128) jikkontendu li "*it has long been said that the requirement of utmost good faith applies to both parties to the insurance contract, in as much as it imposes a duty of disclosure on the insurer as much as on the insured"*. Din il-qorti, anke kif presjeduta, kellha okkazzjoni tinsisti fuq l-obbligu tal-assikurat li, meta jimla l-polza ta' assikurazzjoni, jaghmel "*full disclosure of all material facts"* (ara "Degiorgio vs Agius", deciza fil-25 ta' Gunju, 1962, "Parnis vs Fava", deczia fis-26 ta' Ottubru, 2001, u "Mamo vs Grech", deciza fit-3 ta' Ottubru, 2002), izda l-kumpanija trid ukoll tagixxi *in buona fede*, u meta din tigi murija numru ta' kaxxi u jinghad lilha li fihom hemm merkanzija li tiswa Lm80,000, ma tistax ma tivverifikax dan, u wara, meta ssirilha *claim*, tallega li ma jistax ikun li dak il-valur ta' merkanzija kien f'daqshekk ftit kaxxi. Dan l-agir imur kontra kull principju ta' ekwita', ta' unur u ta' morali. Il-kumpanija konvenuta giet infurmata li l-merkanzija l-gdida li kienet ser tigi inxurjata kienet tikkonsisti f'kwantita' ta' *seat covers* u kamoxxi ta' valur ta' LM80,000. Mar impjegat taghha biex jigbor il-*premium* relattiv (li hu mahdum fuq il-valur tal-merkanzija inxurjata) u dan mar fil-mahzen flimkien ma' siehbu li gew murija l-merkanzija fejn kienet. Kien hemm ukoll xi kaxxi miftuha u raw il-kamoxxi u s-*seat covers.* Meta raw il-merkanzija, accettaw il-*premium* li jikkorrispondi ghall-valur tal-merkanzija li raw. Jekk ma vverifikawx il-kwantita' tal-merkanzija jew kif merkanzija ta' valur ta' Lm80,000 kienet tinsab f'daqshekk ftit kaxxi, dan tort taghhom. Kellhom il-merkanzija quddiem ghajnejhom u l-attur qalilhom li "dik" il-merkanzija tiswa Lm80,000; huma accettaw dan u accettaw il-*premium*, u kwindi accettaw li jekk "dik" il-merkanzija tinsteraq, kellhom ihallsu l-kumpens relattiv skond il-valur li huma accettaw li kienet tiswa l-merkanzija

li raw. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Muscat vs Thomas C. Smith Ltd", deciza fis-27 ta' Ottubru, 2000, il-kuntratt ta' assikurazzjoni ghandu jigi interpretat *in buona fede* anke mill-kumpanija assikuratrici; jekk, allura, din rat il-merkanzija kif stmata mill-assikurat u accettat ir-riskju, ma tistax wara tinnega li thallas kumpens fuq kontestazzjoni tal-kwantita' u l-valur ta' dik il-merkanzija.

Din il-Qorti, mhux qed tghid li kumpanja assikuratrici ghandha xi obbligu tivverifika kull talba ghall-assikurazzjoni li ssirilha billi tezamina l-oggett, il-kwantita' u l-valur, li tkun mitluba tkopri b'assikurazzjoni. Dan mhux mistenni minnha, pero', jekk l-assikurat jitlob li l-kumpanija assikuratrici tivverifika l-oggett in kwistjoni, jew jekk, bhala fatt, il-kumpanija assikuratrici jkollha l-opportunita' reali u attwali li tara u tezamina l-oggett, ma tistax tghalaq ghajnejha ghal dak li jirriziltalha jew li jista' jirrizultalha b'ezami semplici, u tqajjem is-suspett taghha wara li ssir il-*claim.*

Meta l-kumpanija assikuratrici, f'dan il-kaz, rat il-merkanzija li giet stmata Lm80,000, setghu graw tlett affarijiet: jew qablet u accettat li dik il-merkanzija b'dak il-valur kienu f'dawk il-kaxxi, jew indunat li ma jistax ikun dak li qed jghid l-attur, izda baqghet siekta u accettat il-*premium* qiesu xejn m'hu xejn, jew ma kkunsidratx il-kwistjoni. F'kull kaz, il-kumpanija assikuratrici hija marbuta bil-valur ta' dak li rat, ghax jekk kellha suspett kellha titkellem u mhux tibqa' ghaddejja, u jekk ma kkunsidratx, jekk kellha l-merkanzija quddiem wiccha, kellha tikkunsidra u tivverifika.

Fil-kawza "Costanzo vs Laferla Insurance Agency Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002, intqal li l-principju ta' *bona fede* imposta fuq iz-zewg partijiet kontraenti, "*ifisser li bhal ma d-dettalji li hemm fil-proposal form u moghtija mill-assigurat jorbtu lill-istess assigurat anke fir-risposti minnu moghtija jew anke mhux moghtija fit-termini tal-principju tal-obbligu ta' disclosure ghal dak li huma fatti materjali, l-istess rikjesti tal-assigurat kontenuti fl-istess polza huma l-bazi ta' rabta bejn il-partijiet, kemm-*

*il darba l-istess proposta tigi accettata mis-socjeta' assiguratrici, li ghalhekk, kif di piu' jinghad fl-istess polza, tbiddel dak propost f'offerta accettata bil-hrug tal-polza proprja bhal fil-kaz odjern, u ghalhekk dak kontenut fl-istess formola, jifforma ghaz-zewg partijiet il-bazi tal-ftehim bejniethom".*

Fil-kuntest tal-azzjoni odjerna, dan ifisser li meta s-socjeta' konvenuta rat il-merkanzija li l-attur ried jinxurja ghall-valur ta' Lm80,000, accettat li tinxurja dik il-merkanzija bl-indikat valur, u talbet u nghatat il-hlas tal-*premium* relattiv, hi <u>accettat</u> li tinxurja "dik" il-merkanzija (li kellha kull opportunita' tezamina) ghal-valur indikat lilha, u ma tistax wara tilmenta u tallega li "ma jistax ikun" li dik il-merkanzija kellha dak il-valur.

Apparti dan, difficli li din il-Qorti taccetta dak li qalu z-zewg impjegati tas-socjeta' konvenuta, meta dawn xehdu biss fuq kalkolu li huma ghamlu fuq ghajnejhom. Joseph Scicluna, ir-rapprezentant tad-ditta venditrici tal-merkanzija in kwistjoni, kien precis u dettaljat meta xehed fuq in-numru ta' kaxxi u *bales* li d-ditta minnu rappresentata bieghet u kkonsenjat lill-attur, u kontra din ix-xhieda cara, is-socjeta' konvenuta, kull ma resqet hu kalkolu fuq l-ghajnejn. Kalkolu hekk maghmul, fin-nuqqas ta' cirkustanza ohra, ma tistax iservi biex twaqqa' xhieda ohra preciza u dettaljata u kkorroborata bid-dokumenti relattivi.

Il-qorti trid tirrimarka wkoll li lill-Pulizija li investigat is-serqa ma gielha ebda suspett fuq dak li rat u rrizultalha. Anke l-Magistrat Inkwirenti li, bis-sahha tal-esperti minnu mahtura, gabar l-*invoices* u d-dokumenti kollha relatati mal-kaz, ma sab ebda suspett, u hass li kellu jikkonkludu li fil-fatt saret serqa bi sgass ta' Lm89,584 (liema somma tkopri wkoll il-valur ta' oggetti ohra, bhar-*rolers*, li kienu nsterqu mill-mahzen tal-attur fl-isess okkazzjoni).

Jista' jkun li, sal-gurnata tas-serqa, l-attur kien lahaq biegh xi haga mill-merkanzija in kwistjoni, izda dwar dan ma ngabet ebda prova, hlief mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta li qalu li raw xi kaxxa miftuha u kien fiha n-

nieqes. Dan, pero', jista' jkun ghax l-attur ikun ha kampjun biex izommhom ghandu u jkun jista' jurihom meta jinnegozjahom; fil-fatt, l-attur kellu dawn il-kampjuni ghax, wara s-serqa, hu ghaddihom lir-rappresentanti tas-socjeta' konvenuta, u kif xehed Lino Ferris, dawn ghadhom f'idejn il-kumpanija assikuratrici konvenuta. Ghalhekk, ma jirrizultax li l-attur biegh jew iddispona minn xi merkanzija versu konsiderazzjoni, u fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti ma tistax, *sua sponte,* taqbad u tnaqqas mill-valur tal-*claim.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi tichad l-eccezzjonijeit kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' disgha u sebghin elf u tminn mitt Lira Maltin (LM79,800) in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------